Patt tas-Sindki
għall-Klima u l-Enerġija
L-EWROPA

# Il-Patt tas-Sindki – Ewropa fil-COP26

## Rapporti Flash




### Il-lokalizzazzjoni tal-NDCs: kif niffinanzjaw u nimplimentaw l-azzjoni fuq skala?

Dan l-avveniment sekondarju kien koorganizzat mis-Segretarjat tal-Patt tas-Sindki Globali u l-Uffiċċju tal-Patt tas-Sindki – Ewropa, li ġab flimkien esperti ta' livell għoli biex jirriflettu dwar kif se jiffinanzjaw u jimplimentaw l-azzjoni fuq skala.

Matul is-sessjoni, l-importanza li l-Kontribuzzjonijiet Determinati Nazzjonalment jiġu lokalizzati reġgħet ġiet imtennija mill-kelliema, li spjegaw l-importanza strateġika, l-operabilità u l-impatt lokali tat-twettiq ta' eżerċizzju bħal dan. Barra dan, matul is-sessjoni, ġew ippreżentati l-2021 Global Aggregation Report (Rapport dwar l-Aggregazzjoni Globali tal-2021), kif ukoll ħarsa lejn l-attivitajiet tal-Patt fis-sena li ġejja.

Liviu Stirbat, Deputat Kap tal-Unità tal-Adattament, Direttorat Ġenerali għall-Azzjoni Klimatika (DĠ Azzjoni Klimatika) tal-Kummissjoni Ewropea: *"Ir-Rapport dwar l-*

*[Aggregazzjoni Globali] verament xeħet id-dawl fuq is-sitwazzjoni. Il-figura kumulattiva tat-tnaqqis mill-firmatarji hija ekwivalenti għat-tnaqqis ta' 16-il biljun karozza mit-triq għal sena – fl-aħħar mill-aħħar huma l-ibliet li jagħtu l-biċċa l-kbira tal-NDCs."*

**Reġistrazzjoni: https://youtu.be/wbLKG7oM7eo**

Is-sessjoni kienet tinkludi lil Sharon Dijksma, Sindku ta' Utrecht, Massamba Thioye, mill-UNFCCC, Giulia Macagno tal-Bank Ewropew tal-Investiment, Liviu Stirbat, DĠ Azzjoni Klimatika; Ryuzo Sugymoto, Ministru tal-Ambjent Ġappuniż, u kienet immoderata minn Giorgia Rambelli tal-Patt tas-Sindki – Ewropa.

## Ġirja lejn 1.5°: L-integrazzjoni mill-ibliet ta' politiki dwar il-klima u l-enerġija bbażati fuq l-evidenza fl-Ewropa u l-Mediterran

Is-sessjoni ġabet flimkien bliet u esperti mir-reġjun tal-Mediterran, u xeħtet dawl fuq l-azzjonijiet meħuda, il-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet tal-muniċipalitajiet tal-Mediterran fir-rigward tal-politiki dwar il-klima u l-enerġija li jiġġieldu t-tibdil fil-klima. Id-diskussjoni fl-aħħar iffukat ħafna fuq azzjonijiet politiċi bbażati fuq l-evidenza u x-xjenza.

Ta' min jinnota li, minn meta ntemmet is-sessjoni u bħala riżultat dirett tal-avveniment, l-organizzazzjonijiet parteċipanti komplew jikkomunikaw bit-tama li jimxu 'l quddiem f'kooperazzjoni.

Paolo Micheli, Sindku ta' Segrate: *"Fl-indirizzar tal-emerġenza klimatika, il-politika mxiet bil-mod biex tipprovdi risposti. Dan għandu jinbidel mill-aktar fis possibbli. Il-politiki fil-livell lokali huma r-risposta għal ġlieda effettiva. Wasal iż-żmien li nkunu qalbiena!"*

**Reġistrazzjoni: https://youtu.be/_o3rN89qsu4**

Din is-sessjoni kienet korganizzata mis-Segretarjat tal-Patt tas-Sindki Globali u l-Uffiċċju tal-Patt tas-Sindki – Ewropa, flimkien mal-proġett Clima-MED, iċ-ċentru ENI CBC Med għall-kooperazzjoni fil-Mediterran, u l-Belt ta' Segrate (l-Italja). L-avveniment kien immoderat minn Andy Deacon, il-Patt tas-Sindki Globali, b'kontribuzzjonijiet minn Paolo Bertoldi, Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea, Henrike Trautmann, Politika Ewropea tal-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir tal-Kummissjoni Ewropea, Paolo Micheli, il-Belt ta' Segrate, Joana De Balsemao, il-Belt ta' Cascais, Sorina Mortada, Ċentru Libaniż għall-Konservazzjoni tal-Enerġija, Silvia Assalini, il-Patt tas-Sindki – Ewropa, u Naguib Amin, Clima-MED.

Patt tas-Sindki
għall-Klima u l-Enerġija
L-EWROPA

## L-isfruttar ta’ inizjattivi kollettivi sabiex jinkiseb l-għan tal-Ewropa għall-2050 ta’ newtralità klimatika

Dan l-avveniment sekondarju, organizzat mill-Patt tas-Sindki – Ewropa, f’kooperazzjoni ma’ Climate Alliance u ICLEI Europe, esplora kif “inizjattivi kollettivi” differenti jgħinu l-ibliet u l-gvernijiet lokali jilħqu n-newtralità klimatika.

Is-sessjoni kopriet kif l-ibliet jistgħu javvanzaw lejn in-newtralità klimatika permezz ta’ inizjattivi qalbiena mill-qiegħ ’il fuq. Barra dan, il-kelliema ddiskutew kemm huwa vitali li jiġu diskussi u ssir ħidma fuq dawn l-azzjonijiet qalbiena b’mod kollettiv mal-pari – inkluż, pereżempju, permezz tal-Patt tas-Sindki. Il-kelliema tkellmu dwar il-ħidma tagħhom fl-oqsma tas-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, il-Mewġa ta’ Rinnovazzjoni, bliet sostenibbli u ġusti, u l-viżjoni għall-2050 tal-Patt tas-Sindki ta’ Ewropa newtrali għall-klima u aktar ġusta. Matul is-sessjoni, il-kelliema wrew kif l-impenji tal-muniċipalitajiet jinfluwenzaw il-benesseri taċ-ċittadin fil-preżent u l-futur, bil-ħolqien ta’ komunitajiet aktar ġusti u reżiljenti għall-klima.

Gillian Dick, Glasgow, ir-Renju Unit: *“Huwa importanti li titgħallem mill-oħrajn u tirrikonoxxi li l-problemi tiegħek huma l-istess bħal dawk li ħafna bliet oħra qed jiffaċċjaw madwar il-globu. Dan verament jgħin biex wieħed isib soluzzjonijiet.”*

Tom Meeuws, Antwerp, il-Belġju: *“Grazzi għall-Patt tas-Sindki, il-Belt ta’ Antwerp irnexxilha tilħaq il-miri għall-klima tagħha fl-2020!”*

**Reġistrazzjoni:** **https://youtu.be/82camHJQmMk**

L-avveniment kien jinkludi l-moderazzjoni minn Eero Ailio tad-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija tal-Kummissjoni Ewropea, il-moderazzjoni teknika minn Adrienne Kotler tal-Patt tas-Sindki – Ewropa, diskussjoni madwar il-mejda fost Tom Meeuws, Viċi Sindku tal-Belt ta’ Antwerp; Gillian Dick, il-Kunsill tal-Belt ta’ Glasgow; Yann Françoise, il-Belt ta’ Pariġi; u Allen Colbian, Sindku tal-Belt ta’ Brasov.